



**Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża l-każijiet li fihom id-direttiva li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ma tapplikax għall-attivitajiet eżerċitati minn suldati**

*Din id-direttiva ma tipprekludix li perijodu on-call li matulu suldat huwa obligat jibqa' fil-kwartieri fejn jiġi assenjat iżda ma jwettaqx xogħol effettiv jiġi rremunerat b'mod differenti minn perijodu on-call li matulu huwa jwettaq xogħol effettiv*

Minn Frar 2014 sa Lulju 2015, B. K., sottoufficjal tal-armata Slovena, wettaq "xogħol ta' għassa" mhux interrott ta' sebat ijiem fix-xahar. Matul dan ix-xogħol, li kien jinkludi perijodi li matulhom huwa kellu jeżerċita attività ta' sorveljanza effettiva u perijodi li matulhom huwa kien obligat biss li jibqa' għad-dispożizzjoni tas-superjuri tiegħu, B. K. seta' jiġi kkuntattjat u kien preżenti b'mod permanenti fi ħdan il-kwartieri fejn kien assenjat.

Peress li qies li, għal kull wieħed minn dawn il-ġranet ta' "xogħol ta' għassa", tmien sigħat biss kienu jirrappreżentaw ħin tax-xogħol, il-Ministeru tad-Difiża ħallas lil B. K. is-salarju ordinarju li jikkorrispondi għal dawn is-sigħat u, għas-sigħat l-oħra, tah biss allowance ta' stand-by ta' 20 % tas-salarju bażiku.

Ir-rikors ippreżentat minn B. K., intiż li huwa jitħallas, bħala sahra, is-sigħat li matulhom, matul ix-xogħol ta' għassa", huwa ma kien eżerċita ebda attività effettiva fis-servizz tal-persuna li timpjegah, iżda kellu jibqa' għad-dispożizzjoni tas-superjuri tiegħu, ġie miċħud fl-ewwel istanza u fl-appell.

Huwa f'dan il-kuntest li l-Vrhovno sodišče (il-Qorti Suprema, is-Slovenja), adita b'rikors għal reviżjoni, iddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-applikabbiltà tad-Direttiva 2003/88<sup>1</sup>, li tistabbilixxi rekwiżiti minimi dwar, b'mod partikolari, it-tul tal-ħin tax-xogħol, l-attività ta' għassa eżerċitata minn suldati fi żmien ta' paċi u, skont il-każ, dwar il-kwistjoni jekk il-perijodu on-call li matulu s-suldat jkun marbut jibqa' fil-kwartieri fejn ikun assenjat, iżda ma jwettaqx xogħol effettiv hemmhekk, għandux jitqies li huwa ħin tax-xogħol, fis-sens tal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, għall-finijiet tal-iffissar tar-remunerazzjoni dovuta lil dan is-suldat għal tali perijodu.

*Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja*

Fis-sentenza tagħha, mogħtija mill-Awla Manja, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża, fl-ewwel lok, il-każijiet li fihom l-attività ta' għassa eżerċitata minn suldati hija eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/88.

Sabiex tagħmel dan, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata, qabelxejn, li l-Artikolu 4(2) TUE, li jipprevedi li s-sigurtà nazzjonali tibqa' r-responsabbiltà esklużiva ta' kull Stat Membru<sup>2</sup>, ma għandux l-effett li jeskludi l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol tas-suldati mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni.

<sup>1</sup> Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381).

<sup>2</sup> Skont din l-istess dispożizzjoni, l-Unjoni tosserva l-funzjonijiet essenzjali tal-Istat, b'mod partikolari dawk li għandhom l-għan li jiżguraw l-integrità territorjali tiegħu, li jżommu l-ordni pubbliku u li jiżguraw is-sigurtà nazzjonali.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li l-kompiti prinċipali tal-forzi armati tal-Istati Membri, li huma l-preżervazzjoni tal-integrità territorjali u s-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali, jinsabu espliċitament fost il-funzjonijiet essenzjali tal-Istat li l-Unjoni għandha tosserva. Hija tippreċiża li madankollu minn dan ma jirriżultax li d-deċiżjonijiet tal-Istati Membri dwar l-organizzazzjoni tal-forzi armati tagħhom ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari meta inkwistjoni jkun hemm regoli armonizzati dwar l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol.

Għalkemm l-osservanza dovuta mill-Unjoni għall-funzjonijiet essenzjali tal-Istat għalhekk ma timplikax li l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol tas-soldati tiġi eskluża kompletament mill-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, jibqa' l-fatt li l-Artikolu 4(2) TUE jirrikjedi li l-applikazzjoni għas-soldati tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni dwar din l-organizzazzjoni ma tkunx tista' tostakola t-tweġġ korrett ta' dawn il-funzjonijiet essenzjali. Id-dritt tal-Unjoni għandu għalhekk jieħu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi speċifiċi li kull Stat Membru jagħti lill-funzjonament tal-forzi armati tiegħu, li jirriżultaw, b'mod partikolari, mir-responsabbiltajiet internazzjonali partikolari assunti minn dan l-Istat Membru, mill-kunflitti jew mit-theddid li jiffaċċja, jew mill-kuntest ġeopolitiku li fih dan l-Istat jevolvi.

Fir-rigward, sussegwentement, tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tad-Direttiva 2003/88, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-kunċett ta' "ħaddiem" huwa ddefinit fir-rigward tal-karatteristika essenzjali tar-relazzjoni ta' xogħol, jiġifieri ċ-ċirkustanza li persuna twettaq, favur persuna oħra u taħt id-direzzjoni tagħha, servizzi li bħala korrispettiv għalihom hija tirċievi remunerazzjoni. Peress li, matul il-perijodu kkonċernat, dan kien il-każ ta' B. K., l-imsemmija direttiva tista' tapplika għas-sitwazzjoni tiegħu.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva 2003/88, iddefinit b'riferiment għall-Artikolu 2 tad-Direttiva 89/391<sup>3</sup>, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li din tapplika għas-"setturi ta' attività kollha, kemm pubbliċi u kemm privati"<sup>4</sup>, ħlief meta karatteristiċi partikolari inerenti għal ċerti attivitajiet speċifiċi fis-servizz pubbliku, b'mod partikolari fil-forzi armati, jipprekludu dan b'mod vinkolanti<sup>5</sup>.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li l-Artikolu 2 tad-Direttiva 89/391 ma jistax jiġi interpretat fis-sens li l-membri tal-forzi armati tal-Istati Membri huma esklużi, fl-intier tagħhom u b'mod permanenti, mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/88. Fil-fatt, tali esklużjoni ma tikkonċernax ċerti setturi tas-servizz pubbliku, ikkunsidrati fil-globalità tagħhom, iżda tikkonċerna biss ċerti kategoriji ta' attivitajiet f'dawn is-setturi, minħabba n-natura speċifika tagħhom. Għal dak li jirrigwarda, speċifikament, l-attivitajiet eżerċitati mis-soldati, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva b'mod partikolari li daww li huma marbuta ma' servizzi ta' amministrazzjoni, ta' manutenzjoni, ta' tiswija, ta' saħħa, ta' żamma tal-ordni jew ta' prosekuzzjoni ta' reati ma għandhomx, bħala tali, karatteristiċi li jipprekludu kull ippjanar tal-ħin tax-xogħol li josserva r-rekwiżiti imposti mid-Direttiva 2003/88, tal-inqas sakemm dawn l-attivitajiet ma jiġux eżerċitati fil-kuntest ta' operazzjoni militari jew matul il-preparazzjoni immedjata tagħha.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-imsemmija direttiva ma tapplikax għall-attivitajiet tas-soldati u, b'mod partikolari għall-attivitajiet ta' għassa tagħhom, meta dawn iseħħu fil-kuntest tat-taħriġ inizjali tagħhom, ta' taħriġ operattiv jew inkella fil-kuntest ta' operazzjonijiet li jimplikaw impenn militari tal-forzi armati, kemm jekk dawn jintbagħtu, b'mod permanenti jew okkażjonali, fi ħdan il-fruntieri tal-Istat Membru kkonċernat jew barra minnhom. Barra minn hekk, id-Direttiva 2003/88 hija wkoll inapplikabbli għall-attivitajiet militari li huma tant partikolari li ma humiex tali li jistgħu jkunu suġġetti għal sistema ta' rotazzjoni tal-persunal li tippermetti li tiġi żgurata l-osservanza tar-rekwiżiti ta' din id-direttiva. L-istess japplika meta jidher li l-attività militari titwettaq fil-kuntest ta' avvenimenti eċċezzjonali, li l-gravità u l-portata tagħhom jeħtieġu l-adozzjoni ta' miżuri indispensabbli għall-protezzjoni tal-ħajja, tas-saħħa kif ukoll tas-sigurtà tal-kollektività u li l-eżekuzzjoni tajba tagħhom tiġi kompromessa jekk ir-regoli kollha stabbiliti mill-imsemmija direttiva kellhom jiġu osservati jew meta l-applikazzjoni ta' din id-direttiva għal tali attività, billi timponi fuq l-

<sup>3</sup> Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 349)

<sup>4</sup> Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/391.

<sup>5</sup> L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 89/391.

awtoritajiet ikkonċernati li jstabilixxu sistema ta' rotazzjoni jew ta' ppjanar tajjeb tal-ħin tax-xogħol, tista' ssir biss bi ħsara għat-twettiq tajjeb tal-operazzjonijiet militari nnifishom. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina jekk l-attività ta' għassa żgurata minn B. K. taqax taħt waħda minn dawn l-ipoteżijiet. Fin-negattiv, din l-attività jkollha titqies li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/88.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li, jekk jitqies li d-Direttiva 2003/88 tapplika f'dan il-każ, perijodu on-call impost fuq suldat li jimplika l-preżenza kontinwa tiegħu fil-post tax-xogħol tiegħu għandu jitqies li huwa ħin tax-xogħol, meta dan il-post tax-xogħol ma jkunx id-dar tiegħu. Madankollu, peress li l-metodu ta' remunerazzjoni tal-ħaddiema fir-rigward tal-perijodi on-call li huma jwettqu jaqa' taħt id-dritt nazzjonali u mhux taħt id-Direttiva 2003/88, din tal-aħħar ma tipprekludix li perijodu on-call li matulu suldat jkollu jibqa' fil-kwartieri fejn ikun assenjat, mingħajr ma jwettaq xogħol effettiv hemmhekk, jiġi remunerat b'mod differenti minn perijodu on-call li matulu huwa jwettaq xogħol effettiv.

---

**NOTA:** Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355*